# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru XLIII**
**Illum il-Hamis, 26 ta' April, 2001**

**Appell Nru 33/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Paul Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Paul Galea talli fis-17 ta' Awissu, 2000, fis-7.10 a.m., f'Galea Store, Triq Bajjada, Zabbar, zamm halib u prodotti tal-halib (yoghurt) mhux fit-temperatura permessa u naqas li jiehu l-passi biex igib il-prodotti imsemmija f'dik it-temperatura permessa;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta' Frar, 2001 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Paul Galea hati skond l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u kkundannatu multa ta' hamsin lira (LM50);

Rat ir-rkors ta' appell ta' l-imsemmi Paul Galea, minnu ppresentat fl-14 ta' Frar, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza jew, subordinatament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-17 ta' April, 2001; ikkunsidrat:

Il-fatti relevanti (u li rrisultaw a sodisfazzjon ta' din il-Qorti) huma, brevement, is-segwenti: fid-data u fil-hin indikati fl-imputazzjoni *Principal Health Inspector* Antoinette Vella marret fl-i*store* gestit mill-appellant u hemhekk innutat 23 kartuna tal-halib li kienu jinsabu fl-art, kif ukoll (dejjem ma' l-art u vicin ic-*cheese counter*) 28 vazett tal-*yoghurt*. Meta immizurat it-temperatura taghhom sabet li l-halib kellu temperatura ta' 18.5 gradi centigradi u l-*yoghurt* 25.6 gradi centigradi. Meta staqsiet lill-appellant ghala

dawn l-oggetti kienu fl-art u f'dik it-temperatura, huwa fissrilha li ma kellux post fejn ipoggihom fil-*fridge*.

L-appellant ghandu tlett aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens li ma giex sodisfacentement pruvat minn hu l-*licensee* ta' l-i*store* in kwistjoni. Dana l-aggravju hu infondat, peress li meta xehed l-appellant stess quddiem din il-Qorti huwa ammetta li l-licenzja tal-hanut in kwistjoni qieghda fuq ismu.

It-tieni aggravju hu li ma giex pruvat li l-halib in kwistjoni ma nzammx fit-temperatura permessa mill-ligi u dan peress li l-uniku xhud imressqa mill-prosekuzzjoni kienet l-ispettur sanitarju aktar 'l fuq imsemmija u ma ngabet "l-ebda prova xjentifika" dwar din il-kwistjoni tat-temperatura. Il-Qorti semplicement ma taqbilx. Id-deposizzjoni ta' Antoinette Vella kienet sufficjenti biex tipprova li l-halib u l-*yoghurt* kienu qed jinzammu f'dak l-i*store* ghall-bejgh f'temperatura oghla minn dik permessa mill-ligi, cioe` f'temperatura ta' aktar minn 10 gradi centigradi.

It-tielet aggravju hu dwar il-piena. Anke dana l-aggravju hu infondat. Skond is-subartikoli (2) u (3) ta' l-Artikolu 57 tal-Kap. 231, il-piena minima ghal minn jinstab hati ghall-ewwel darba ta' ksur ta' dana r-regolament hija ta' multa ta' hamsin lira. Huwa veru li l-ewwel proviso tas-subartikolu (3) jipprovdi li meta r-reat ikun, fil-fehma tal-qorti, ta' natura hafifa il-piena ghandha tkun ta' ammenda ta' minn hamsa sa ghaxar liri fil-kaz ta' l-ewwel reat. Din il-Qorti, pero`, hi tal-fehma li l-kwistjoni tat-temperatura gusta li fihom ghandhom jinzammu hwejjeg ta' l-ikel li jkunu ghall-bejgh, specjalment fix-xhur tas-sajf, hi wahda serja u importanti ghax tista' tincidi direttament fuq is-sahha tal-konsumatur; ma hix, ghalhekk, kwistjoni li tikkwalifika bhala wahda *de minimis*.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur